MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2011

Rikors Numru. 48/2005/1

**Joseph Zammit Farrugia (ID 573019M)**

**vs**

**Nazzareno Zammit**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

Illi r-rikorrenti huwa sid il-fond bin-numru sebgha u erbghin (47) The Strand Sliema;

Illi permezz ta' skrittura privata (hawn annessa mmarkata bhala Dok A) tad-disgha (9) ta' Mejju 1974, r-rikorrenti fil-kwalita' tieghu ta' mandatarju specjali ta' ommu Josephine Zammit Farrugia, ta' l-lokazzjoni l-hanut imsemmi lill-intimat Nazz\areno Zammit ta' Helen House, St. Anthony Street, San Gwann;

Illi fl-artikolu 3 tal-imsemmija skrittura privata r-rikorrenti b'mod car u inkonfutabbli pprojbixxa lill-intimat milli jcedi jew b'xi mod iehor jissulloka l-fond in kwistjoni;

Illi r-rikorrenti ghandu provi cari illi l-intimat Nazzareno Zammit ittrasferixxa ssulloka l-fond in kwistjoni lil terzi u li l-intimat m'ghandux aktar juza l-fond in kwistjoni huwa nnifsu izda huma terzi li jiggestigixxu negozju iehor mill-istess fond;

Illi tali vjolazzjoni cara, manifesta u diretta ta' l-iskrittura privata tal-lokazzjoni hawn esebita, tintola lill-esponenti jitlob li jintraddlu lura l-fond in kwistjoni aa termini ta' l-Artikolu 9 (a) tal-Kapitlu 69 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi minkejja li gie interpellat diversi drabi inkluz bl-ittra ufficjali tal-5 ta' Mejju 2005 (hawn annessa u mmarkata bhala Dok B), u l-ittra legali ta' l-14 ta' Frar 2005, l-intimat baqa' inadempjenti u ma rritornax ic-cwievet tal-fond in kwistjoni anzi ddecieda li jiddepozita l-kera ghas-sena Mejju 2005 sa Mejju 2006 il-Qorti (kopja tac-cedola ta' depozitu hawn annessa u mmarkata bhala Dok C);

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob li dan l-Onorabbli Bord jawtorizza t-talba tar-rikorrenti sabiex l-intimat jirritorna l-fond in kwisjtoni lill-istess rikorrent minhabba li l-intimat issulloka jew b'xi mod iehor ittraferixxa l-fond in kwistjoni u jiffissa terminu perentorju li fih ghandha ssir tali konsenja lura tal-fond in kwistjoni ai termini tal-paragrafu (a) ta' l-Artikolu 9 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-ispejjes u l-imghaxijiet skond il-ligi;

Ra r-risposta ta' l-intimat li tghid;

Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fattu fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontrih stante li mhux minnu illi l-esponent ittrasferixxa jew issulloka l-fond lilu mikri l;il terzi kif qed jigi allegat u ma kiser l-ebda kundizzjoni tal-kirja u ghldaqstant ir-rikorrenti ma jistax jitlob li jitraddlu lura l-fond in kwistjoni;

Salv kull eccezzjoni ulterjuri;

Ra r-risposta ulterjuri tal-intimat tat-3 ta' Frar 2010 li tghid:

Illi mill-kontenut tax-xhieda li ta r-rikorrenti Joseph Zammit Farrugia fis-seduti tal-1 t'April 2009 u tas-7 t'Ottubru 2009 johrog car illi l-istess Joseph Zammit huwa biss wiehed mill-erba' sidien tal-sidien tal-fond mertu ta' dan ir-rikors u ghalhekk wahdu mhux il-legittimu kontraditur u l-kawza qatt ma setghet giet intavolata mir-rikorrenti wahdu izda kellha tigi proposta mill-propretarji kollha sabiex kif proposta hija impronibbli u kwindi nulla u dana kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet Adelaide Ellul et vs Modern Crown Stoppers Limited rikors numru 55/01JC deciza mill-Qorti tal-Appell ippreseduta mill-Imhallef l-Onor. Dr. Philip Sciberras fit-1 ta' Settembru 2003;

Salv kull eccezzjoni ulterjuri;

Semgha lill-partijiet;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi din hija sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimat fil-mori tal-kawza senjatament dwar in-nuqqas ta' integrita' tal-gudizzju u dan ghaliex ir-rikorrenti huwa wiehed biss mis-sidien tal-fond u wahdu qatt ma setgha jipproponi din il-procedura. Fl-ewwel premessa tieghu fir-rikors promutur, ir-rikorrenti jibda biex jghid: "Illi r-rikorrenti huwa s-sid tal-fond bin-numru sebgha u erbghin (47), The Strand, Sliema". Fil-mori tal-kawza, u senjatament waqt id-depposizzjoni tieghu tal-1 t'April 2009 (fol 78 *et seq*) l-istess rikorrenti, ghad-domanda "pero' l-proprjeta' inkwistjoni fit-testment kien hemm li hallewha lil xi hadd partikolari jew qeghda ta' kulhadd?", wiegeb: "Le fuq kulhadd. Imma min jibqa' haj jibqa' juzufrutta". Ghalhekk, wisq gustament, l-intimat ecepixxa din l-eccezzjoni li jehtieg li tkun deciza qabel ma tissokta l-kawza;

F'seduta sussegwenti, r-rikorrenti esebixxa kopja ta' testment *unica carta* ta' ommu u missieru minn fejn jirrizulta illi l-konjugi Robert u Giuseppina Zammit Farrugia innominaw lill-ghaxar ulied taghhom bhala werrieta universali tal-beni taghhom u lil dawk minnhom li kienu xebbiet u guvintur, l-uzufrutt generali tal-wirtijiet taghhom sakemm dawn jibqghu f'dak l-istat. Jemergi minn dan illi r-rikorrenti mhux l-uniku sid tal-fond mertu tal-kawza anke ghaliex dan il-fond huwa kien jifforma parti mill-patrimonju tal-genituri tieghu tant ghaliex bid-dikjarrazzjoni tal-istess rikorrenti, huwa kien, bhala mandatarju specjali ta' ommu , ta b'titolu ta' lokazzjoni l-istess fond lill-intimat fid-9 ta' Mejju 1974;

Illi ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti m'huwiex l-uniku eredi tal-proprjeta' tal-genituri tieghu u ghalhekk jibqa' sabiex ikun deciz kemm dan il-fatt jirrendix l-proceduri nulli kif qed jallega l-intimat. Din il-kwistjoni kienet dibattuta f'diversi sentenzi mill-Qrati taghna u kif inhu saput, l-posizzjoni inbidlet matul iz-zminijiet. L-aktar insenjament recenti mill-Qrati taghna itendi favur l-eccipjenti mhux pero' b'mod generali izda f'dawk il-proceduri fejn ir-rikors ikun intiz ghal mutament ta' relazzjoni bejn il-partijiet. Fil-kawza **Vincent Agius et vs Mario u Gina konjugi Borg PA 28.3.2003**, l-Qorti kienet irriteniet *inter alia* illi "fid-decizjonijiet fl-ismijiet "**Carmelo Scicluna –vs- Rosina armla Azzopardi noe",** Appell Civili, 3 ta' April 1964 u "**Mary Magdalene Symes et –vs-Robert Eder noe",** Appell Civili, 13 ta' Gunju 1980 fejn fihom, bl-adozzjoni tat-taghlim fid-decizjoni a **Vol. XLV P I p 13 ("Ciappara –vs- Caruana**"), gie ritenut illi fil-kaz ta' lokazzjoni li trid tigi terminata, l-"azzjoni hi precizament tendenti ghall-mutament ta' rapport jew stat guridku wiehed, fejn il-litiskonsorju bejn dawk kollha li huma partecipi hu necessarju. In-nuqqas tal-partecipazzjoni fil-kawza tal-komproprjetarji l-ohra, jew bhala atturi assocjati inkellha bhala konvenuti jista' jigi sostitwit bil-prova certa ta' l-adezjoni ta' dawk il-kompropretarji ghad-domanda maghmula gudizzjarjament minn wiehed minnhom, izda mhux anqas minn daqshekk". Fuq l-istregwa ta' dan ir-ragjonament il-kompropretarji kollha jridu jkunu kompartecipi fl-azzjoni kif proposta". Fil-kawza fl-ismijiet

**Adelaide Elul et vs Modern Crown Stoppers Limited App 12.11.2003** l-Qorti tal-Appell, wara li rrikaptat is-sentenzi tal-Qrati taghna tul iz-zminijiet in rigward, ddecidiet li tadotta l-posizzjoni ribatita fis-sentenza fuq citata Symes et vs Eder noe. Mill-assjem tal-provi ma jirrizultax illi l-kompropretarji l-ohra urew xi interess li jkunu jifformaw parti mill-kawza jew li r-rikorrenti ghamel minn kollox sabiex jakkludihom bhala sidien u li huma irrifjutaw kapricjozament jew intenzjonalment. Jirrizulta, invece, illi minn meta r-rikorrenti ddikjara li hutu huma sidien tal-fond in kwistjoni, ma ghamel xejn li seta’ b’xi mod, isalva dawn il-proceduri tant li anqas biss semma l-ismijiet ta’ hutu.

Illi ghallhekk, stante li din il-kawza hija intiza ghall-mutament tar-relazzjoni bejn il-partijiet kif ukoll illi r-rikorrenti huwa biss wiehed minn diversi sidien ohra li mhumiex parti in kawza, tilqa’ l-eccezzjoni tal-intimati dwar in-nuqqas ta’ integrita’ tal-gudizzju u tiddikjara l-azzjoni nulla.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------